# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 18 ta' Mejju 2001**

**Numru 41**

**Citaz. numru: 1642/99 M1 NA**

**Josephine Agius**

**vs**

**Christopher Agius**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fit-13 ta' Lulju 1999 fejn ippremettiet:

"Illi l-partijiet izzewgu fis-16 ta' Marzu 1991 u minn dan iz-zwieg twieldet Kelly Grace fid-19 ta' Settembru 1991;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat billi l-kunsens ta' xi wiehed minnhom kien inkiseb bi vjolenza jew biza';

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-dmirijiet u drittijiet essenzjali taghha;

Illi b'hekk iz-zwieg hu null u bla effett ghat-termini ta' l-Artikoli 19 (1) (a) u/jew (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

TALBET li din il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett fil-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti esibiti.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenutipprezentata fis-7 ta' Marzu 2000 fejn eccepixxa:

1. "Illi hemm lok li z-zwieg bejn il-kontendenti jigi annullat pero' ghal ragunijiet imputabbli ghall-attrrici;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2000, apparti mill-attrici, xehdu estensivament Georgina Pace, omm l-attrici, u Gaetana Pace, li apparti milli hi l-mara ta' hu l-attrici ilha habiba intima maghha minn mindu kienet zghira. Fis-seduta, invece, tas-6 ta' Ottubru 2000 xehdet Rose Sammut li apparti milli kienet girien tal-koppja hija wkoll Social Worker. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenut ghall-15 ta' Jannar 2001 bil-hin. F'din is-seduta l-konvenut ma deherx, il-kawza giet ittrattata u differita ghas-sentenza fuq il-provi mressqa. Jinghad f'dan ir-rigward illi minkejja illi dejjem deher id-difensur tieghu l-konvenut ma deher qatt anqas fis-seduti tat-8 ta' Marzu, 26 ta' Gunju u 6 ta' Ottubru 2000.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi mressqa temergi stampa tal-konvenut bhala bniedem immatur u rresponsabbli li ma kellu ebda sens ta' familja sew qabel sew wara z-zwieg, li jbiddel *job* wara l-iehor, ma jmantnix lill-familja u dejjem fid-dejn u dan apparti minn konsiderazzjonijiet ohra dwar il-karattru tieghu bhala ragel u bhala missier li, pero', kienu jkunu ta' ferm aktar rilevanza f'kawza ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti milli f'kawza ta' din in-natura.

Dan apparti pero' jirrizulta bl-aktar mod car illi kwazi l-unika raguni li wassal lill-attrici biex tizzewweg (u biex tibqa' mar-ragel anke ghal xi snin wara z-zwieg) kien ir-rispett li hija ghandha ghat-tarbija li giet koncepita qabel iz-zwieg. Kien principalment, jekk mhux unikament, dan il-fatt li wassal lill-attrici biex taghti l-kunsens taghha apparti wkoll mill-fatt tal-biza' reali li kellha li l-konvenut seta' jaghmel xi haga lit-tarbija u li hija hasbet illi biz-zwieg dana kienet sejra timpedih. "*Imma jiena bdejt nibza' ghat-tarbija, ma ridt lil hadd jaghmlilha hsara u bdejt nibza' li jekk ma nizzewgux jigi johodli t-tarbija jew xi haga.*" Invece dwar is-sentiment taghha fil-konfront taz-zwieg hekk xehdet il-habiba taghha Gaetana

Pace: "*Qaltli li dik l-unika soluzzjoni biex nizzewgu, minhabba t-tarbija dejjem.*" Din ix-xhieda hija kkonfermata anke mic-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolari. Il-koppja zzewget ta' eta' tenera hafna, wara gherusija qasira. Ma sarx riceviment tat-tieg kif hija l-konswetudini ta' pajjizna w il-kontendenti zzewgu minghajr ma kellhom fejn ighixu, infatti ghamlu zmien ighixu ghand omm il-konvenut u mbaghad ghand omm l-attrici qabel ma krew post iehor ghal rashom.

Dawn ic-cirkostanzi kollha jwasslu lill-Qorti li tikkonsidra illi, almenu fir-rigward tal-kunsens ta' l-attrici, dan kien ivvizzjat taht is-sub-inciz (a) u (d) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-rigward tar-ragunijiet ghall-falliment ta' dan iz-zwieg minkejja dak li eccepixxa l-konvenut huwa ma gab ebda prova in sostenn ta' dak minnu allegat. Ghall-kuntrarju l-provi proprju jindikaw il-kuntrarju li fil-maggior parti r-ragunijiet ghall-falliment ta' dan iz-zwieg huma kollha imputabbli lilu.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-

attrici w il-konvenut huwa null u bla effett fil-ligi u dana bl-ispejjes tal-kawza kontra l-istess konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.